**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 151/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Enrico Camilleri**
**(ID 544165M)**

**Illum, 26 ta' Frar 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Enrico Camilleri** ta' 44 sena, bin John u Giovanna nee` Galea, imwieled Luqa fil-15 ta' Novembru 1965, u residenti ġewwa 14, Casa Bella, New Street, Ħal Luqa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544165(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Mejju 2010:

a. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2015, il-partijiet eżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi li kienu nġabru sa dakinhar quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi nhar l-1 ta' Mejju 2010, il-Pulizija Eżekuttiva għaddiet għall-arrest tal-imputat odjern u dan wara li huwa ġie mwaqqaf waqt *party* ġewwa l-istabbiliment Numero Uno u fil-vettura tiegħu nstabu numru ta' pilloli suspettati *ecstasy*.

In sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i. **L-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** xehed illi nhar l-1 ta' Mejju 2010 ġew arrestati diversi persuni waqt *party* ġewwa Numero Uno f'Ta' Qali, fosthom l-imputat odjern. Ix-xhud jgħid illi l-uffiċjali tal-pulizija li kienu nvoluti fl-arrest tal-imputat kienu PC 47 Chris Frendo u PC 1372 Alan Cutajar, liema uffiċjali wettqu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, li rriżultat fin-negattiv u fil-vettura tiegħu, fejn instabu disa' pilloli, allegatament pilloli *ecstasy*. Jgħid ukoll illi l-imputat ġie interrogat minnu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u rrilaxxja stqarrija nhar it-2 ta' Mejju 2010.[1] Ix-xhud esebixxa l-pilloli hekk misjuba bħala Dok. DT 1.[2]

Illi ri-prodott bħala xhud mid-difiża, **is-Supretendent Dennis Theuma** jgħid illi dakinhar mal-imputat kien hemm it-tfajla tiegħu, li t-tfajla ma ġietx arrestatha, iżda ġiet mitkellma minnu stess, għalkemm ma tteħditilhiex stqarrija bil-miktub. Jgħid ukoll fuq domanda tad-difiża, illi ma jiftakarx illi kienu ssemmew iż-żewġ persuni msemmija mill-imputat fix-xhieda tiegħu[3], meta dan kien qed jiġi investigat.

ii. **PC 349 John Farrugia** xehed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, nhar it-2 ta' Mejju 2010.[4]

iii. **PC 47 Chris Frendo** xehed testwalment hekk:

---

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur u wara s-Supretendent Dennis Theuma, a fol. 8 sa 10 tal-proċess, a fol. 86 sa 89 u a fol. 91 u 92 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda tal-imputat iżjed 'l isfel.
[4] A fol. 11 tal-proċess.

"*Mela, fl-1 ta' Mejju, 2010, kien hemm party in-*Numero Uno *u waqt li konna qeghdin extra duty on payment gewwa, gew xi persuni anonimi li qalulna li qed jissuspettaw f'persuna li jismu* Enrico Camilleri, *li qed naghrfu prezenti fl-awla, li fuqu jew fil-karozza tieghu jista' ikun li kellu d-droga jew li ha jbiegh id-droga. Kien hemm pulizija iehor mieghi Alan Rapinett*[5] *u konna sibnieh ghax urewulna u morna fuqu u ghamilnilu tfittxija, pero ma sibna xejn fuqu. Imbaghad morna fil-karozza tieghu, kienet qeghda ipparkjata barra n-numeru uno u Alan Rapinett, fil-prezenza tieghi u ta' Enrico Camilleri, ghamel search fil-karozza fejn sab borza zghira li kien fiha xi pilloli allegatament Ecstasy u hemmhekk arrestajnieh ahna.*"[6]

Illi iżjed tard, mistoqsi in kontro-eżami għaliex wara li fittxew fuq l-imputat ġewwa l-*party*, dehrilhom li kellhom jagħmlu tfittxija ulterjuri fil-vettura tiegħu, ix-xhud iwieġeb illi "*Ghaliex kellna, kif ghidtlek, kif spjegajt qabel, indikazzjoni cara fejn anke semmew lill-persuna, li jista' jkollu jew ghandu droga fuqu, jew ha jbiegh id-droga. Ahna ghidnilu li ghandna suspett, hu qalilna, "le, m'ghandi xejn, tistghu tfittxu kemm tridu" u kien hu fil-fatt li indikalna fejn kienet ipparkjatha l-karozza ghax ahna ma kellniex idea fejn kienet ipparkjata, u fetahielna hu wkoll*".[7]

Illi in oltre skont l-istess xhud, il-pilloli in kwistjoni nstabu ġewwa kompartiment taħt id-*dashboard*. Jgħid ukoll in kontro-eżami illi meta huma marru fuq l-imputat, dan kien waħdu.

---

[5] Fil-fatt dan kien PC 1372 Alan Cutajar.
[6] Ara a fol. 13 tal-proċess. Ix-xhieda ta' PC 47 Chris Frendo tinsab a fol. 13 sa 17 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 16 tal-proċess.

iv. Illi mir-relazzjoni tal-espert **l-Ispiżjar Mario Mifsud** jirriżulta illi fid-disa' pilloli u nofs ta' lewn ċelesti ċar, li huwa ngħata għall-analiżi tiegħu, instabu s-sustanzi *3,4-methylenedioxyamphetamine (MDMA),* f'purita` baxxa ta' ċirka 2.5% (medja) u kafejina. Fil-waqt illi s-sustanza kafejina, li hija *xanthine stimulant*, m'hiex ikkontrollata bil-liġi, is-sustanza *MDMA*, li hija *central stimulant*, hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar dan, fix-xhieda tiegħu l-espert jgħid illi l-purita` tal-pilloli għall-*MDMA* tant kienet waħda baxxa illi l-effett tal-istimulant fil-pilloli kien ġej iżjed mill-kafejina milli mill-*MDMA*. Jgħid ukoll, meta ġie ri-prodott mid-difiża, illi fis-sena 2008, il-prezz fis-suq ta' pillola *ecstasy* kien ta' €10 il-pillola.[8]

v. **PC 1372 Alan Cutajar** xehed illi fl-1 ta' Mejju 2010 kien qiegħed xogħol bil-lejl ġewwa n-Numero Uno, Ta' Qali, fejn kien hemm *party*. Hemmhekk hu u PC 47 waqqfu lill-imputat odjern u saritlu tfittxija fil-vettura tiegħu tal-marka BMW, bin-numru ta' reġistrazzjoni RIC 520. Fil-*console* tan-nofs, ġewwa l-*ashtray*, instabu disa' pilloli suspettati *ecstasy*. Muri Dok. DT 1, huwa kkonferma illi dawn kienu l-pilloli hekk misjuba.[9]

Illi da parti tiegħu, l-imputat **Enrico Camilleri** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi fil-jum in kwistjoni, fi triqtu lejn l-istabbiliment Numero Uno, huwa lemaħ żewġ ġuvintur li kien jafhom biss di vista ġewwa Paceville, għalkemm wara

[8] Ara x-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud, a fol. 19 sa 26 tal-proċess u a fol. 83 u 84 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu a fol. 27 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol. 50 u 51 tal-proċess.

jgħid ukoll illi kien jaf li kienu mill-Gżira, u rikkibhom fil-vettura tiegħu lejn l-istess stabbiliment, għal madwar ħames mitt metru, sakemm ipparkja. Riekba miegħu fl-istess vettura, kien hemm ukoll it-tfajla tiegħu. Jgħid ukoll illi wieħed mill-ġuvintur poġġa fuq quddiem stante illi dan kien qiegħed ipejjep, fil-waqt illi t-tfajla marret fuq wara u l-ġuvni l-ieħor daħal fuq wara wkoll. Jgħid ukoll illi ftit wara li daħlu ġewwa l-istess stabbiliment, kellu argument żgħir mat-tfajla u xi għoxrin minuta jew nofs siegħa wara, marru fuqu xi pulizija pajżana li għamlulu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, iżda ma sabulu xejn. Jgħid ukoll illi l-pulizija ħadulu l-flus u ċ-ċavetta tal-vettura, staqsewh din ta' xhiex kienet u qalilhom li kellu l-vettura pparkjata barra, ħdejn l-istabbiliment. Indikalhom fejn kienet il-vettura, fetaħielhom u waqt it-tfittxija, fl-*ashtray* tan-nofs sabu borża żgħira. Jgħid illi dak il-ħin, huwa qalilhom li din ma kinitx tiegħu. Jgħid in oltre illi wara l-arrest tiegħu, huwa kien qal lill-pulzija b'dawn iż-żewġ persuni li kien rikkeb fil-vettura tiegħu.

In kontro-eżami, l-imputat jgħid illi huwa rikkeb lill-ġuvni quddiem sabiex dan ikun jista' juża l-*ashtray* tal-karozza, għalkemm ma setax jgħid jekk dan għamilx użu mill-istess *ashtray*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-waqt illi sabiex issosnti l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u għal fini ta' sejbien ta' ħtija, il-Prosekuzzjoni qegħda tistrieħ fuq il-fatt illi l-pilloli li, skont ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, kienu jikkontjenu s-sustanza *MDMA*, komunement magħrufa bħala *ecstasy*, instabu fil-vettura tal-imputat, da parti tagħha d-difiża ssostni illi dan il-fatt waħdu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, mhuwiex suffiċjenti sabiex tinstab ħtija fl-imputat fil-grad rikjest mil-liġi.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tqis in kwantu t-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur, illi ftit li xejn tista' tistrieħ fuq allegazzjonijiet magħmula sempliċimenti fil-mori tat-

trattazzjoni, meta ma tressqet l-ebda prova fir-rigward u dan qed jingħad b'mod partikolari in kwantu d-difiża ssostni illi t-tfajla li kellu l-imputat fiż-żmien in kwistjoni, li l-istess difiża għal xi raġuni tirreferi għaliha bħala "*anteater*", kienet "*addict tad-droga*" u dan fil-waqt illi d-difiża ttenni wkoll illi l-imputat ma kienx jagħmel użu minn pilloli, iżda biss minn "*xi linja coke*".

Illi lil hinn minn dan, il-Qorti għandha u sejra biss tikkunsidra dawk il-provi, li fil-liġi jitqiesu validi u ammissibbli u dan sabiex tqis jekk l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Illi jibda biex jingħad illi l-Qorti ftit li xejn temmen dak li xehed l-imputat u dan fis-sens illi huwa waqqaf il-vettura tiegħu sabiex irikkeb żewġ ġuvintur li kien jafhom biss di vista u li saħansitra t-tfajla tiegħu marret bil-qegħda fuq wara, sabiex wieħed minn dawn il-ġuvintur ikun jista' jkompli jpejjep u juża l-*ashtray* ta' quddiem, b'mod partikolari meta d-distanza minn fejn rikbu dawn il-ġuvintur fil-vettura tal-imputat, kienet ta' madwar ħames mitt metru sal-post fejn eventwalment l-imputat ipparkja l-vettura tiegħu.

Illi fil-fehma tal-Qorti, hija wkoll suspettuża d-dinamika li wasslet għall-arrest tal-imputat u ċioe` illi l-imputat ġie avviċinat mill-pulizija wara informazzjoni anonima li ngħatat lilhom proprju dak il-ħin stess u ssemmiet ukoll b'mod partikolari l-vettura tal-istess imputat, tant illi wara li t-tfittxija fuq il-persuna tiegħu rriżultat fin-negattiv, PC 47 u PC 1372 għaddew sabiex ikomplu bit-tfittxija fl-istess vettura. Dan apparti illi ssemma wkoll l-istess imputat.  F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi din l-informazzjoni pjuttost preċiża ngħatat lill-pulizija ftit tal-ħin biss wara li l-imputat u t-tfajla tiegħu kellhom argument bejniethom.

Illi mill-banda l-oħra, da parti tiegħu, l-imputat ikkopera mal-pulizija, wriehom fejn kienet parkeġġjata l-vettura tiegħu u fetħilhom l-istess biċ-ċavetta li kellu fil-pussess

tiegħu.  F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota wkoll illi fuq il-persuna tal-imputat ma nstab xejn relatat mal-użu jew mat-traffikar tad-droga: la nstabet droga jew xi pilloli *ecstasy*, la jirriżulta illi nstabu xi flejjes li wasslu lill-uffiċjali tal-pulizija għal suspett tali li jelevaw l-istess u lanqas ma jirriżulta illi ġie elevat xi *mobile phone* li seta' jwassal sabiex jiġi eżaminat il-kontenut tiegħu.

Illi anke jekk il-Qorti ma ssibx lill-imputat kredibbli fir-rakkont tiegħu dwar iż-żewġ ġuvintur li rikbu fil-vettura miegħu, ma ġiex ikkontestat illi miegħu fil-vettura kien hemm riekba wkoll it-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien.  Għalkemm l-imputat kien waħdu meta twaqqaf mill-pulizija, biss l-Uffiċjal Prosekutur fix-xhieda tiegħu jikkonferma illi waqt l-investigazzjoni f'dan il-każ, kienet ġiet mitkellma wkoll it-tfajla tal-imputat, li sussegwentement ġiet rilaxxjata.

Illi tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi, inkluż illi ma jirriżultax illi l-imputat kien waħdu fil-vettura, almenu sakemm wasal ġewwa l-istabbiliment Numero Uno, iżda kien akkumpanjat ukoll mit-tfajla tiegħu, li kienet ukoll fl-istess *party,* il-Qorti ma tqisx illi l-atti proċesswali joffru prova ċara u konvinċenti li l-pilloli in kwistjoni kienu jappartjenu lill-imputat jew tal-inqas illi huwa kien jaf bihom u li għalhekk kien fil-pussess tagħhom fis-sens illi trid il-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat ma ġietx ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. DT 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess

verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux iżjed tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat